**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

***Seduta ta' nhar il-Gimgha 7 ta' Dicembru 2001***

Avviz numru 89/99G2

Cristino sive Ewkaristu Zerafa u Paul Zerafa

-vs-

John Bonnici bhala mandatarju ta' l-imsiefer ibnu Keith Bonnici

Il-Qorti;

Rat l-avviz tal-14 ta' Dicembru 1999 li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm329.95) skond l-annessi ricevuti dokumenti A, B, C u D danni kkagunati mill-konvenut nomine f'incident awtomobilistiku li gara fis-sittax ta' Settembru 1999 ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghaxija (6.00pm) f'Garden Street, Ghajnsielem, Ghawdex bejn vettura tat-tip pick up truck ta' l-ghamla "Mitsubishi" (numru ta' registrazzjoni FBF 509), proprjeta' ta' l-attur Cristino sive Ewkaristu Zerafa u misjuqa mill-attur l-iehor, Paul Zerafa u vettura ohra tat-tip Ford Escort (numru ta' registrazzjoni BBH 013) misjuqa mill-konvenut nomine u proprjeta' tieghu proprio, liema incident awtomobilistiku gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperijza u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut nomine u li ghal-liema incident stradali huwa unikament responsabbli u dana wara li jigi dikjarat minn dina l-Onorabbli Qorti illi huwa unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-dsatax ta' Novembru 1999 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Bonnici bhala mandatarju ta' l-imsiefer ibnu Keith Bonnici fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-incident awtomobilistiku li sehh fis-sittax (16) ta' Settembru 1999 fi Triq il-Gnien, f'Ghajnsielem, Ghawdex gara unikament minhabba imperizji, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur Paul Zerafa;

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ta' danni pretizi mill-atturi huwa wiehed eccessiv.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine fir-rigward li d-danni huma eccessivi hija sorvolata bid-dikjarazzjoni maghmula mill-istess konvenut kontenuta fil-verbal folio 26.

Ghalhekk il-vertenza hija limitata ghal min mill-partijiet huwa responsabbli ghall-kollizjoni in mertu. Il-fatti li taw lok ghall-incident awtomobilistiku ma jidhrux li huma kontestati fis-sens li jidher li hemm qbil li l-attur Paul Zerafa kien fil-gurnata, hin u lok meta sehh l-incident in kwestjoni qieghed isuq il-pick up van numru ta' registrazzjoni FBF 509, proprjeta' ta' l-attur l-iehor Ewkaristu Zerafa, waqt li Keith Bonnici, li ghalih qieghed jidher missieru ukoll proprjetarju tal-vettura, kien qieghed isuq fl-istess triq il-vettura "Ford Escort" numru ta' registrazzjoni BBH 013, pero'mid-direzzjoni opposta.

Skond l-attur r-responsabbilita ghall-kollizzjoni hi tal-konvenut nomine stante l-velocita' tieghu u l-iskizz li hi "res ipsa loquitur" u turi li s-sewwieq gej mid-direzzjoni opposta kellu vizwali altru li tajba biex seta' ra l-attur Paul Zerafa. Da parti tal-konvenut nomine t-tort hu attribwibbli lill-attur Paul Zerafa stante li kien isuq fuq in-naha zbaljata tat-triq.

Fil-fehma tal-Qorti l-ezitu tal-kawza jista' facilment jistrieh fuq l-iskizz li minn ezami tieghu t-tort ghall-incident ghandu jdur fuq il-konvenut nomine. Hu wisq car mill-istess skizz li l-konvenut nomine, apparti l-velocita' li biha kien qieghed isuq, naqas palesament li jzomm "a proper look out" molto piu meta mill-istess skizz l-attur Paul Zerafa kien oltrepassa, jew kwazi, l-vettura li kellu pparkaggjata fuq in-naha

tal-karreggjata tieghu. F'dan is-sens taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-atturi li ghall-kollizjoni hu unikament responsabbli l-konvenut nomine.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tilqa' invece t-talbiet ta' l-atturi billi tiddikjara lill-konvenut nomine unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu l-kawza u konsegwentement tikkundannah li jhallas lill-atturi l-ammont ta' tliet mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm329.95) bl-imghax li jiddekorri mil-lum.

Tikkundanna lill-konvenut nomine ukoll ghall-ispejjez tal-kawza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 1999.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur